MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-2 ta' April, 2014

Numru 1032/2011

Il-Pulizija

(Spettur Spiridione Zammit )

vs

Francis Chetcuti

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 127767(M), akkuzat talli b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi b’risoluzzjoni wahda billi:

Fil-31 ta’ Awwissu 2011 u snin qabel din id-data waqt li kien gewwa l-fond Saint Vincent De Paul fi Triq l-Mgieret Hal Luqa kkommetta serq ta’ laham u prodotti tal-medicina, liema serq hu kwalifikat bil-persuna, u valur li jeccedi 2329.37 Euro ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta

U iktar talli fl-istess cirkostanzi bhala Ufficjal jew Impjegat Pubbliku, ghal xi vantagg privat tieghu, ghamel uzu hazin minn hwejjeg mobbli, li kienu fdati lilu minhabba l-karifa jew impieg tieghu jew seraq l-istess oggetti li huma propjeta tal-Gvern ta’ Malta;

F’kaz ta’ htija that l-Artikolu 127 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti hi gentilment mitluba li tapplika l-Interdizzjoni Generali tal-imsemmi Francis Chetcuti.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz taghhom baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn dina l-Qorti;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni ghal dan.

Semghet ix-xhieda

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat

L-imputazzjoni titratta serq mill-imputat fil-vesti tieghu ta’ ufficjal pubbliku. Fil-konfront tas-serq l-imputat hu akkuzat bl-aggravju tal-persuna u valur li jeccedi 2329.37 Euro. Fil-konfront tar-refurtiva jinghad li kienet tikkonsisti f’laham u medicine.

Relattivament il-profi huma tali li ma jhallu ebda dubju li l-imputat, impjegat bhala ‘health assistant’ fl-isptar St Vincent De Paule, kkommetta serq konness mal-impieg tieghu. Fil-kaz in specie, l-element tas-serq – il-kontrattazzjoni doluza ta’ xi haga ta’ haddiehor kontra r-rieda ta’ sid il-haga, bl-animu ta’ lukru – jikkonfigura. Fil-kaz tal-imputat il-lukru hu evidenti billi l-oggetti misruqa kien jehodhom d-dar ghall-familja.

In kwantu ghall-aggravji li jikkontradistingu s-serq, dik tal-persuna hija private abnke minn dak li stqarr l-imputat fl-istqarrijiet tieghu li rrilaxxja lill-pulizija u dik tal-valur, limitatament ghal dak li ser jintqal iktar ‘l isfel, tinsab similment ppruvata.  Apparti minn dan, fiex kienet tikkonsisti r-refurtiva, il-kariga tal-imputat u l-eventwali tfittxija u sejba tal-oggetti misruqa fuq il-persuna tieghu jinsabu ben pruvati mix-xhieda.

In kwantu ghall-aggravju tal-valur, t-tahrika tindika li jeccedi l-2329.27 Euro. Dan hu biss deducibbli mill-istqarrijiet tal-imputat li stqarr li kien ippersista ghal erba’ snin (daqqa darba fil-gimgha u daqqa darbtejn).  Il-prova certa li kien ecceda l-valur imsemmi ma hemmx. Certament pero ghandu jirrizulta l-valur li kien ‘l fuq minn 100 Euro.

Ghaldaqstant filwaqt li ssib lill-imputat hat ital-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. Wara li rat l-Artikolu 261(c)(d), 267, 268(d), 281(a), 127, 10(1)(7) tal-Kap 9, tikkundannah sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghda tissospendiehom ghal perjodu ta’  erba’ snin millum flimkien mal-interdizzjoni generali perpetwa.

Tordna l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------